**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 228/2017 RM**

**Armando Chircop**

**-vs-**

**Alfio Chircop**

**Illum, 29 ta' Jannar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2017, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut thallsu l-ammont ta' ghaxart elef, tliet mija u tlieta u disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€10,393.81) ekwivalenti ghal disat elef Sterlina (Stg 9,000), ammont li gie mghoddi lill-konvenut minghand l-attur sabiex iroddhomlu lura, flimkien mal-interessi, liema ammont huwa dovut, bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali b'effett mis-sena 1994 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Alfio Chircop ipprezentata fis-27 ta' Settembru 2017 2018 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. *Preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) u 2156(e) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-esponenti jiddikjara li m'huwiex debitur tal-attur u ma hemm ebda somma flus dovuta lill-attur mill-esponenti;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-permess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-attur ghandu jgib prova minn fejn tirrizulta l-pretenzjoni tieghu stante li-konvenut ma jirrizultalu li ghandu ebda debitu fil-konfront tal-attur;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-permess u in linea sussidjarja u fil-mertu, jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li t-talba tal-attur hija gustifikata, l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza jew sa mai mid-data li l-esponenti gie interpellat gudizzjarjament sabiex ihallas din is-somma u mhux mis-sena 1994 kif indikat mill-attur fit-talba tieghu.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi b'digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat l-verbal moghti fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2017 fejn in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ordnat li jinstemghu l-provi fuq l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat is-sentenza taghha moghtija fit-13 ta' Frar 2019 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Rat il-verbal tal-istess udjenza tat-13 ta' Frar 2019 fejn ordnat li jinstemghu il-provi dwar il-mertu;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

**PROVI**

**Il-konvenut Alfio Chircop** xehed permezz ta' Affidavit[1] riferibbilment ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, fejn iddikjara li huwa jigi hu Armando Chircop. Il-konvenut jichad illi s-somma ta' €10,393.81 hija dovuta minnu. Xehed ukoll illi tul is-snin kollha li ghaddew, minn 1994, huh qatt ma kien semmielu xejn u lanqas kitiblu jew cempillu fir-rigward ta' xi flus dovuti. Fis-sena 2015, kien hemm okkazzjoni meta cempillu Armando u talbu jitla' jixhed f'xi kwistjoni li kellu ma' Mario Mifsud Bonnici rigward xi dehebijiet, izda ma riedx jinvolvi ruhu fi kwistjonijiet bhal dawn. Jiftakar li dakinhar huh kien irrabja hafna talli ma riedx jinvolvi ruhu f'din il-kwistjoni, izda lanqas dakinhar ma kien semmielu xejn fuq is-somma li qed jippretendi minghandu.

Skont il-konvenut, kien f'Dicembru 2015 li huwa rcieva ittra ufficjali minghand Armando Chircop fejn ghall-ewwel darba issemmiet is-somma li hu qed jitlob minghandu. Wara li baghtlu risposta bl-avukat, fejn hu cahad li kellu jhallas xi somma lil Armando, rega' ma sema' xejn sakemm f'Settembru 2017 ircieva l-avviz tal-kawza. Hu ghamilha cara li huwa mhuwiex debitur ta' Armando

[1] Fol. 9.

Chircop, li s-somma mitluba minnu mhix dovuta u li hu m'ghandu jaghtih assolutament xejn.

**In kontro-ezami**[2] **il-konvenut** jistqarr illi huwa ma jiftakarx li effettivament ħuh kien tah xi flus fid-denominazzjoni Sterlina meta kien qed jagħmel xi negozju ma' iben ix-xhud stess. Jghid li ma jiftakarx li effettivament ħuh kien tah xi flus. Jiftakar li fis-sena 2015 kien ċempillu ħuh u talbu biex jitla' jixhed għax kellu każ izda l-konvenut irrifjuta li jixhed ghaliex huh kien talbu biex jghid li kien tah basket b'oġġetti tad-deheb biex jivvalutah, izda dan ma kien veru xejn. Rigward l-ittra tad-19 ta' Mejju 2015, esebita bhala Dok. Z, il-konvenut wiegeb li kien irċieva din l-ittra wara telefonata li kienet saritlu aktar kmieni meta ma kienx aċċetta li jitla' jixhed. Hu sostna li huwa wiegeb li effettivament ma kellu jagħti xejn lill-konvenut.

Muri Dok. X li huwa *photo image* ta' ċekk, il-konvenut ikkonferma l-kontenut ta' dan iċ-ċekk u spjega illi dan kien ċekk fi flus Sterlina, mogħti lilu fin-1994. Hu jiftakar li effettivament 24 sena ilu huwa kien issellef flus mingħand ħuh l-attur fis-somma ta' disat elef Lira Sterlina, izda qal li hu kien hallas lura lil huh fi flus kontanti. Ghalkemm ma jafx meta ħallsu, il-konvenut jghid li dan kien ħafna snin ilu. Qal li kieku ma giex muri Dokument X, ghalih m'għandu jtih xejn. Ikkonferma wkoll li jista' jkun ħames jew sitt snin ilu li ħallas lura lil huh, izda ma jiftakarx preċiż. Kull ma jaf huwa li lil huh hallsu *cash*. Ma jiftakarx fejn ħallsu izda jaf li kien waħdu meta ħallsu.

Muri l-ittra mmarkata Dokument S, il-konvenut qal illi din l-ittra kien bagħatha hu lil ħuh Armando Chircop u qal li fuq din l-ittra (Dok. S) hemm il-firma tiegħu. Jikkonferma illi din l-ittra huwa kien kitibha f'Marzu 2003 u jidher minnha li sa dakinhar, il-flus ma kienx għadu ħallashom lura.

---

[2] 21 ta' Marzu 2018.

Rigward Dokument P, il-konvenut wiegeb li fl-14 ta' Frar tal-2003 kien iddikjara li effettivament kellhu jagħti sitt elef Sterling lil ħuh. Sa fejn jaf hu m'għandu jtih xejn ghaliex hu kien lil ħuh, u dan fi flus Maltin però ma jiftakarx lanqas l-ammont li huwa tah. Huwa qal ukoll illi hu zgur li ħallas lil ħuh u llum il-ġurnata m'għandu jtih l-ebda flus.

Il-konvenut zied jghid[3] illi ghalkemm huwa jiftakar li kien tah xi flus, hu żgur u konvint li kien ħallsu wara daż-żmien kollu.

**L-attur Armando Chircop** xehed[4] illi hu kellu relazzjoni tajba mal-konvenut ħuh li kien iżommlu l-kotba tal-kumpanija tiegħu kif ukoll jehodlu hsieb it-taxxa. Qal li darba minnhom huh kien ġie għandu u qallu li kien imsallab u kellu n-negozju mat-tifel u hu kien offrielu li jsellfu xi flus, peress li kienu viċin ħafna ta' xulxin. Skont l-attur, il-konvenut qallu biex ma jghid xejn lil martu u lil uliedu, ma jċempillux d-dar, lanqas l-uffiċċju fejn ikun hemm uliedu, talbu jikkomunika miegħu dwar dan fuq il-mowbajl tiegħu biss.

L-attur spjega illi nqala' xi diżgwid żgħir bejnu u bejn il-konvenut dwar xiri ta' garaxx minghand l-istess huh, u ddeċieda li ma kellux għalfejn iżommlu aktar kotba tiegħu u r-relazzjoni tagħhom marret għall-ħażin. Izda qal li baqa' jcempel lil huh il-konvenut fuq il-mobajl tiegħu biex jitolbu l-flus li kien sellfu u fil-fatt kien saħansitra anki talbu biex itih il-flus bla interessi. L-attur qal ukoll li kien hemm żmien meta kien jgħidlu biex jissapportieh u saħansitra anki rringrazzjah u l-flus qatt ma waslu. Qal li jaf li effettivament huh dejjem jitolbu biex jissapportieh għaliex ix-xhud dejjem ħa lil ħuh bħala raġel. Izda spjega illi meta kiteb lil huh u dan wiegeb li seta' kien qed jinsa, ħass li kien qed jgħajjru li għandu *dementia* u għalhekk iddeċieda li jfittxu għalihom, u kitiblu bl-Avukat (Dok. AC).

---

[3] 24 ta' Mejju 2018.
[4] 21 ta' Marzu 2018.

L-attur ikkonferma li l-flus huh qatt ma ħallashom u lanqas hemm ircevuta. Jghid li hu dejjem żamm mal-kondizzjonijiet illi effettivament ma kellux jikkomunika mal-familjari tal-konvenut dwar dan is-self. Wara li spjega x'kien gara rigward il-kwistjoni li kellu ma' Mario Mifsud Bonnici rigward id-deheb li ma nstabx (Dokument AM3), l-attur qal li huwa dejjem fdah lil ħuh izda kkonferma li lilu qatt ma ħallsu lura dawk il-flejjes li kien sellfu u dan fl-ebda denominazzjoni. Ghalkemm dejjem issapportih, meta qallu li bedu jmur minn moħħu, hass li din kienet inġurja u kien għalhekk li hu ddecieda li jfittex ghall-flus.

L-attur zied jghid[5] illi l-flus li hu ħareg biex isellef lil ħuh u ċioè s-somma ta' disat elef Sterlina kienu depożitati f'kont bankarju ġewwa l-Ingilterra, liema kont kien fethu xi tmien snin qabel ma effettivament kien għamel is-self.

**L-attur xehed ulterjorment permezz ta' Affidavit**[6] fejn fisser illi s-somma totali mislufa lil huh kienet ta' 9,000 Lira Sterlina, liema somma huh kien ammetta li giet mislufa lilu. Riafferma illi huh ma hallsux lura l-flus li kien silfu. L-attur fisser ukoll illi huwa hassu ferm insultat bil-fatt illi wara li ha pacenzja u stenna diversi snin sabiex jithallas lura kif ukoll wara li onora kelmtu u ma qal xejn fuq is-self lill-mara u lit-tifel ta' huh, gie mghajjar mill-istess huh li huwa konfuz[7] u li qed jimmagina li ghandu jaghtih xi flus[8].

**Il-konvenut rega' xehed** fid-9 ta' Ottubru 2019 fejn ammetta li kellu jaghti lil huh is-somma ta' disat elef Sterlina, u kien ikkometta ruhu li jhallsu lura sal-ahhar tas-sena 2003 skont kif gie rikonoxxut minnu fid-dokument immarkat S a fol. 15 tal-atti. Huwa qal illi kien hallas lil huh f'kontanti izda ma ghandux prova li hallsu ghaliex ir-ripagament sar waqt li kien ghaddej minn process biex minn

[5] 15 ta' Mejju 2018.
[6] 22 ta' Mejju 2019, a fol. 66 *et seq*.
[7] E-mail a fol. 23.
[8] F'korrispondenza datata 19 ta' Mejju 2015.

villa jmur jghix go appartament u kellu jnehhi hafna karti. Huwa ma basarx illi jkollu ghalfejn izomm karti tal-passat.

Fuq domanda tal-Qorti il-konvenut qal illi huwa hallas lil huh f'kontanti u fi flus Maltin.

Il-konvenut zied jghid illi wara li kien baghat l-ittra Dokument S fl-2003, huh ma regghex semma li ghandu jiehu l-flus u ma kkomunika bl-ebda mod dwar il-flus li qed jghid li huwa dovut, sakemm fit-13 ta' Mejju 2015 baghtlu email (Dok. RM1) dwar il-kwistjoni tad-deheb li li skont Mario Mifsud Bonnici ma seta' jinstab imkien, izda ma semma xejn dwar il-flus. Mistoqsi mill-Qorti, il-konvenut qal illi ma jiftakarx jekk kienx ikellmu lil huh fil-perijodu bejn 2003 u 2015 izda huwa cert li qatt ma semmielu l-flus anke f'dawk l-okkazzjonijiet li saret xi komunikazzjoni bejniethom sija permezz ta' email u sija telefonata. Il-konvenut sahaq ukoll illi meta huh rega' semma l-flus fl-2015, huwa wiegbu li ma ghandu jaghtih assolutament xejn u dan permezz ta' email esebit a fol. 23. Jghid ukoll illi fil-fehma tieghu huh qed jitlob il-hlas ghaliex qed iwahhal fih li d-deheb hadu hu u tah lin-neputi tal-mara tieghu. Il-konvenut jichad illi dan id-deheb qatt kien f'idejh u jichad ukoll illi huwa ghandu jaghti lil huh ghaliex huwa kien hallsu kollox f'kontanti.

**In kontro-ezami l-konvenut**[9] afferma li huwa accountant u ilu jipprattika l-professjoni ghal cirka tletin, erbghin sena. Irribadixxa illi meta biddel ir-residenza tieghu huwa nehha hafna karti inkluz xi karti tal-klijenti tieghu. Fuq domanda tal-Qorti il-konvenut qal illi huwa biddel ir-residenza fis-sena 2016 ghalkemm fl-2014 huwa kien diga` beda jarmi l-affarijiet. Wiegeb illi huwa hallas lil huh f'darba wahda biss izda ma jiftakarx l-ammont li kien hallsu lura x'kien. Mistoqsi jghid meta effettivament huwa kien salda d-dejn li kellu ma' huh, il-konvenut wiegeb illi huwa cert li kien hallsu fl-2003 u mbaghad ma sema'

[9] 9 ta' Ottubru 2019.

xejn minghand huh sal-2015. Ma jiftakarx x'denominazzjoni kellu l-flus li bih hallas lura lilhuh izda kienu karti zgur u mistoqsi ghal darb'ohra il-konvenut qal li jista' jkun li kien hallsu fil-mahzen ta' huh. Fuq mistoqsija tal-Qorti qal illi huh ma tah l-ebda karta meta hallas izda kien ghamel notament fid-diary tieghu bl-istess mod kif kien jaghmel kull meta kien ihallas lil xi hadd f'kontanti. Izda hu nehha d-diaries kollha. Jiftakar ukoll fuq mistoqsija li saritlu, illi huma kienu wahdehom meta huwa hallas lil huh.

Ikkunsidrat;

Wara li l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni li giet sollevata mill-konvenut, giet michuda permezz tas-sentenza moghtija fit-13 ta' Frar 2019, jifdal biex jigi deciz it-talba tal-attur fl-isfond tal-eccezzjonjiet fil-mertu sollevati mill-konvenut.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-rifuzjoni ta' somma flus li skont hu kien avvanza lil huh il-konvenut lura fis-sena 1994, taht l-obbligu li dawn jintraddu lura lilu. Skont l-attur, huh baqa' qatt ma hallsu lura. Jitlob ukoll l-imghax fuq is-somma mislufa.

Il-konvenut jeccepixxi illi l-attur ghandu juri f'hiex tikkonsisti l-pretensjoni tieghu stante li l-konvenut ma jirrizultalux li ghandu xi dejn mal-attur. Jichad ukoll illi l-imghax fuq is-somma mitluba ghandu jibda jiddekorri mis-sena 1994, u jikkontendi illi dan mhux dovut hlief mid-data minn meta saret l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja.

Il-Qorti ghalhekk f'dan l-istadju trid tistharreg u tiddetermina jekk l-attur ressaqx bizzejjed provi biex juri illi huwa kien avvanza lil huh is-somma ta' 9,000 Lira Sterlina fl-1993 bl-obbligu li dawn jintraddu lura.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-attur kien silef lil huh il-konvenut is-somma ta' disat elef Lira Sterlina bejn is-snin 1993 u 1994, u dan skont kif gie eventwalment ikkonfermat mill-konvenut innifsu meta xehed f'din il-kawza, u kif evidenzjat ulterjorment minn Dokument X[10] esebit mill-attur, liema dokument il-konvenut jaqbel li jirrapprezenta kopja tac-*cheques* bil-flus li ghaddew lilu in linea ta' self[11]. Jirrizulta wkoll illi fi Frar u Marzu tas-sena 2003 il-konvenut kien ghadu ma hallasx lill-attur il-flus li kien silfu u dan kif accettat mill-istess konvenut anke bil-miktub[12]. L-attur isostni illi l-konvenut kien dejjem jitolbu biex jissapportih u ghalkemm huwa kien baqa' jcempel lill-konvenut biex ihallsu lura l-flus li kien silfu, u kien anke talbu biex jaghtih il-flus lura minghajr interessi, dan ir-ripagament baqa' qatt ma sar.

Dan huwa kontradett mill-konvenut illi f'din il-kawza jichad illi huwa ghandu jaghti xi flus lill-attur u fil-mertu huwa jilqa' ghal din it-talba tal-attur billi jesigi li tigi ppruvata l-pretensjoni tal-istess attur illi huwa ghaddielu ammont ta' flus bil-patt illi dawn jintraddu lura. Formalment il-konvenut ma ressaqx eccezzjoni ta' pagament, tant illi fit-testimonjanza tieghu huwa jibda billi jichad b'mod assolut illi ghandu jaghti lil huh u illi huh kien silfu flus fil-munita Sterlina, u ma jsemmi assolutament xejn dwar il-flus li, skont kif jirrizulta mill-kontenut tar-Rikors promotur, gew avvanzati lilu. Kien biss sussegwentement, meta gie rinfaccjat bid-dokumenti dwar is-self, illi l-konvenut jistqarr illi huwa kien issellef is-somma ta' 9,000 Lira Sterlina minghand huh fl-1994 u rrikonoxxa wkoll[13] illi sas-27 ta' Marzu 2003 huwa ma kienx ghadu hallas lura s-somma lilu mislufa. Jikkontendi wkoll illi dan il-flus huwa hallashom lura u ma ghad fadal ebda pendenzi bejnu u bejn huh.

Il-Qorti tista' tifhem illi l-konvenut ma ressaqx eccezzjoni formali tal-pagament u ma ghamel ebda accenn fix-xhieda tieghu moghtija ghall-fini u in sostenn tal-

[10] Fol. 17.
[11] Ara kontro-ezami tal-konvenut, 21 ta' Marzu 2018.
[12] Vide Dokument S u Dokument T a fol. 14 u 15.
[13] Seduta tal-21 ta' Marzu 2018.

eccezzjoni tal-preskrizzjoni illi dan id-debitu kien saldat, sabiex ma jippregudikax l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, galadarba llum bl-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u l-Att VIII tal-2017, il-preskrizzjonijiet qosra msemmijin fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili ma jkollhomx effett jekk il-konvenut ma jaghtix gurament minn jeddu illi m'huwiex debitur jew li ma jiftakarx li l-haga gietx imhallsa.

Madanakollu, ghandu jinghad illi m'huwiex tant it-tibdil fil-linja difensjonali tal-konvenut minn cahda assoluta ta' gharfien dwar xi flus dovuti lil huh, ghal stqarrija li huwa kien effettivament issellef flus minghand huh izda kien hallsu lura, li tippreokkupa lill-Qorti meta tigi biex tqis il-verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet, anzicche` l-inkonsistenzi u kontradizzjonjiet evidenti fil-verzjoni tal-istess konvenut meta jigi biex jissostanzja d-difiza ulterjuri tieghu dwar il-pagament tas-self.

Ikkunsidrat;

Hija l-fehma tal-Qorti illi huwa sodisfacjentement ippruvat anke bl-ammissjoni tal-konvenut, illi l-attur ghaddielu s-somma ta' disat elef Lira Sterlina bejn l-1993 u l-1994 in linea ta' self, u dan permezz ta' zewg *cheques* li jidhru fid-dokument esebit a fol. 17. Tant hu hekk illi l-konvenut jaccetta bla rizerva wkoll illi ghalkemm huwa kien impenja ruhu illi jrodd lura s-somma lilu mislufa u illi kien kiteb huwa stess id-dikjarazzjoni li tidher fil-parti t'isfel tal-kopja fotostatika tac-*cheques* li bihom gew avvanzati l-fondi mislufa[14], sa Marzu tal-2003 huwa kien ghadu ma saldax id-debitu, u dan kif jidher ukoll mill-korrispondenza minnu mibghut lil huh fis-27 ta' Marzu 2003[15].

---

[14] Dok. X.
[15] 'S', fol. 15.

Ghall-Qorti dan ifisser illi huwa inkontestat u kwindi debitament ippruvat illi l-konvenut issellef minghand l-attur is-somma mitluba f'din il-kawza u illi sas-27 ta' Marzu tas-sena 2003, dan il-flus kien ghadu ma thallasx lura.

L-uniku punt in kontestazzjoni huwa ghalhekk ir-ripagament o meno tas-somma mislufa. In propositu, l-attur ikkonferma li qatt ma tħallsu lura dawk il-flejjes li kien silef lil huh, u dan fl-ebda denominazzjoni. Jigi osservat illi din ix-xhieda tal-attur baqghet ma gietx kontrastata mill-konvenut li, minkejja li kellu kull opportunita` li jaffronta lill-attur b'domandi in kontro-ezami, ghazel li ma jaffrontax lill-attur b'domandi in kontro-ezami. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza recenti[16]:-

*"Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx ut sic f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni, tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti. [...] l-applikazzjoni tal-principju actor non probante reus absolvitur, galadarba tkun saret il-prova, tesigi li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti opposta biex, jekk jidhrilha, tressaq provi kuntrarji biex iqieghed fid-dubju l-prova akkwizita."*

Fi kwalsiasi kaz, il-Qorti ma tistenniex illi l-attur jaghmel il-prova negattiva illi s-self baqa' thallasx. Bhala regola generali, m'huwiex mistenni li xi parti jaghmel prova negattiva, ghalkemm jigi osservat li fatt negattiv jista' jigi dimostrat permezz ta' presunzjonijiet jew billi tigi prodotta prova ta' fatt pozittiv kuntrarju. Izda certament, f'dan il-kaz, il-Qorti tqis li ma jistax jispetta lill-attur jipproduci prova li ma sarx il-pagament li qed jippretendi minghand il-konvenut: dan in omagg ghall-principju *negativa non sunt probanda.*

Ikkunsidrat;

[16] **Catherine Cali` Vincenti pro et noe vs Vincent Cali`**, deciza 2 ta' Marzu 2018.

Il-Qorti tqis illi galadarba huwa stabbilit illi l-attur silef lill-konvenut is-somma ta’ 9,000 Lira Sterlina, jinkombi issa fuq il-konvenut biex juri illi huwa hallas dan id-dejn u b’hekk gie estint l-obbligu tal-hlas.

Kif inghad, il-konvenut isostni illi d-debitu kien thallas u ma ghandu xejn iktar x’jaghti lill-attur.

Il-Qorti rinfaccjata b’dan il-konflitt bejn il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti f’din il-kawza, tirreferi ghall-insenjament rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**, deciza fl-24 ta’ Novembru 1966:

“*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*”[17]

In propositu tal-htiega tal-konvinciment tal-gudikant, f’sentenza iktar recenti fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**, deciza nhar it-28 ta’ April 2004 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, inghad illi:-

“*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*”

Ikkunsidrat;

[17] Appell Civili, mhux ippubblikata.

Kif accennat iktar qabel, il-verzjoni originali tal-konvenut illi d-debitu reklamat mill-attur huwa inezistenti, giet kompletament kapovolta meta gie rinfaccjat bl-evidenza tas-self li saritlu, f'liema stadju il-kontestazzjoni tieghu inbidlet minn wahda ta' cahda assoluta ghal wahda ta' pagament, fejn il-konvenut jikkontendi illi huwa hallas kollox lura f'kontanti lil huh diversi snin ilu. Isostni wkoll illi ma kien hemm hadd prezenti meta huwa hallas lil huh u illi l-hlas sar fil-munita Maltija u ghalkemm ma hemm ebda ricevuta li tevidenzja dan ir-ripagament, huwa kien ghamel notament fid-djarju tieghu dwar il-hlas ghaliex il-flus thallsu f'kontanti.

Izda l-konsistenza fil-verzjoni tal-konvenut tieqaf hawn. Mistoqsi in kontro-ezami sabiex jghid meta effettivament huwa hallas lil huh, il-konvenut wera inkonsistenza li l-Qorti ma tistax ma tqisx fil-kejl tal-kredibbilita` o meno tal-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet. Il-Qorti tosserva, fir-rigward, illi meta l-konvenut xehed fil-21 ta' Marzu 2018, huwa qal illi ghalkemm ma jafx meta ssalda d-debitu li kellu ma' huh, dan kien ħafna snin ilu. Fl-istess nifs izda, huwa qal ukoll illi jista' jkun illi huwa hallas lil huh ħames jew sitt snin ilu, izda ma jiftakarx preċiż. Madanakollu, meta sussegwentement, rega' xehed minn jeddu fid-9 ta' Ottubru 2019, il-konvenut sahaq illi huwa cert li l-hlas kien sar fl-2003, cioe` iktar minn hmistax-il sena qabel.

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi l-konvenut, sabiex ifisser ghaliex ma ghandux dokumentazzjoni li tevidenzja l-allegat ripagament tas-self, xehed illi meta biddel ir-residenza tieghu fl-2016 huwa nehha hafna karti, inkluz id-djarju li fih kien ghamel notament tal-hlas li huwa kien ghamel lil huh f'kontanti. Izda meta gie mistqosi in kontro-ezami ghaliex kien rema' l-karti tieghu meta biddel ir-residenza fl-2016, galadarba fis-sena 2015 huh kien interpellah bil-miktub[18] sabiex jissalda d-debitu, il-konvenut wiegeb illi huwa kien diga` beda jarmi l-affarijiet fl-2014 meta kien beda jfittex biex jixtri residenza gdida. Madanakollu,

[18] Ara email datat 24 ta' April 2015 [Dok. AC fol. 23] li ntbaghat mill-konvenut bi twegiba ghal email mibghuta mill-attur.

il-Qorti ma tqisx li tista' taghti wisq affidabbilita` lil din il-verzjoni ta' fatti, b'mod partikolari tenut kont tad-diversi inkonsistenzi ohrajn fil-verzjoni tal-konvenut innifsu fosthom dwar l-ezistenza tal-kreditu u dwar iz-zmien tar-ripagament tas-self.

B'zieda ma' dan, u fl-isfond tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub tal-konvenut, fejn accetta li huwa debitur ta' huh fis-somma ta' £9,000 u fejn, disa' snin wara s-self, rega' impenja ruhu li jhallas lura l-ammont misluf[19], il-Qorti ma tistax ma tqisx b'cirkospezzjoni l-allegazzjoni tieghu illi ma kienx inghata ricevuta tal-hlas. *Multo magis* l-allegazzjoni ulterjuri tieghu illi l-uniku dokument ossia notament li jevidenzja l-hlas, intrama' u dan addirittura sentejn qabel il-konvenut effettivament garr hwejgu u mar joqghod f'residenza gdida. Ghalkemm il-Qorti ma tissottovalutax l-element qawwi ta' fiducja li inevitabbilment jikkaratterizza r-relazzjonijiet familjari u l-element ta' reticenza naturali tal-qraba li jidhlu f'proceduri litigjuzi kontra xulxin, fil-kaz odjern huwa evidenti illi r-relazzjoni tajba li qabel kienet tezisti bejn il-partijiet kienet iddeterjorat tant illi jirrizulta li l-partijiet lanqas kienu ghadhom jitkellmu bejniethom hlief, skont l-attur, sabiex jikkomunika ma' huh dwar ir-ripagament ta' flusu. Ghall-Qorti dan ifisser illi, kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut, huwa seta' minghajr wisq diffikolta`, jobsor il-htiega li jzomm il-karti koncernanti l-hlas tal-flus li kien issellef minghand huh, partikolarment meta wiehed iqis illi huwa kien jipprattika ghal ghexieren ta' snin il-professjoni ta' *accountant*.

Ghaldaqstant, wara li rat l-atti u x-xhieda tal-partijiet kontendenti, il-Qorti hija tal-fehma illi filwaqt illi l-verzjoni ta' fatti moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili, f'kull kaz l-istess konvenut naqas manifestament milli jressaq provi sodisfacjenti li jikkonvincu fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet illi huwa kien hallas lura lil huh l-ammont ta' flus li kien issellef minghandu. D'altronde, kif gia` stabbilit, l-attur irnexxilu jipprova anke bl-ammissjoni tal-konvenut, illi

[19] Ara fol. 15.

huwa silef lil huh is-somma ta' 9,000 Lira Sterlina u mill-gabra u l-preponderanza tal-provi kollha, il-Qorti hija moralment konvinta illi dan is-self ghadu ma thallasx lura.

Billi huwa wkoll evidenti li ma kien gie stabbilit ebda terminu ghall-hlas, dan ifisser li l-hlas huwa dovut meta ssir interpellazzjoni ghall-hlas mill-kreditur u ghalhekk, it-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma mislufa lill-konvenut, timmerita li tigi akkolta.

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm huwa ppruvat illi l-attur silef lill-konvenut is-somma ta' 9,000 Lira Sterlina, il-Qorti tqis illi ghandu jigi stabbilit fi kwalsiasi kaz, liema rata tal-kambju hija applikabbli sabiex jigi komputat l-ammont dovut fil-munita Euro ghall-fini tal-kundanna ghall-hlas, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenut ma kkontestax formalment l-ammont mitlub fil-munita Euro. Il-fatt jibqa' illi l-attur naqas milli juri u jfisser kif is-somma ta' £9,000 jissarrfu fis-somma mitluba ta' €10,393.81.

Kif diga` nghad, galadarba ma jirrizultax mill-provi li l-partijiet kienu ftiehmu jew kien gie stabbilit zmien ghat-twettiq tal-obbligu tal-hlas mid-debitur, huma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1130 tal-Kodici Civili:-

*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*
*(2) Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekk iż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b' att ġudizzjarju.*

Mill-atti ma jirrizultax illi l-attur sejjah lill-konvenut gudizzjarjament ghall-hlas qabel l-intavolar ta' dawn il-proceduri odjerni bir-Rikors promoturipprezentat

fit-22 ta' Awwissu 2017, u konsegwentement, il-konvenut jitqies illi tqieghed in mora biss fl-imsemmija data bil-prezentata tar-Rikors promotur.

Hawnhekk ikun opportun illi ssir referenza ghas-segwenti silta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fis-7 ta' Novembru 2008:-

"*... jigi mfakkar illi "l-gurisprudenza taghna dejjem zammet li meta d-dejn huwa ta' flus li ma ghandux kors legali f'pajjizna dak id-dejn ghandu jithallas fi flus u bil-kambju tal-gurnata li fiha jsir il-hlas" ("***Giovanni Grima -vs- Abele Serra***", Appell Civili, 4 ta' Frar, 1938). Dan ghaliex, kif ulterjorment ritenut, "*<u>*il cambio a cui si deve avere riguardo è quello prevalente al tempo in cui il convenuto manco` alla sua obbligazione*</u>*" ("***Rosario Taliana -vs- Capitano Nicola Revello***", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' Gunju, 1928)."*[20] [enfasi ta' din il-Qorti]

Anke fis-sentenza tal-1940 fl-ismijiet **Dr Gouder noe v. Micallef**[21], il-Qorti tal-Appell kienet ikkonkludiet illi l-"*kambju ghandu jkun ikkalkolat fuq meta kellu jithallas id-dejn.*"[22]

Il-korollarju ta' dan, b'applikazzjoni wkoll tal-insenjament rapportat fis-sentenzi appena citati, huwa illi r-rata tal-kambju applikabbli biex jigi stabbilit l-ammont ta' flus li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas fil-munita ta-Euro, ghandha tkun dik prevalenti fit-22 ta' Awwissu 2017 meta l-konvenut gie msejjah ihallas id-debitu u tqieghed in mora.

Lill-Qorti jirrizultalha illi fit-22 ta' Awwissu 2017, ir-rata tal-kambju mill-munita Sterlina ghall-munita Euro kienet ta' 1.0901, li jfisser illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ekwivalenti f'Euro ta' 9,000 Lira Sterlina li, fit-22 ta' Awwissu 2017, kienu ekwivalenti ghal disat elef tmien mija u ghaxar Euro u disghin centemzu (€9,810.90).

Ghaldaqstant, it-talba tal-attur ghall-hlas tal-ammont ta' €10,393.81 ghandha tintlaqa' limitatament kwantu ghas-somma ta' €9,810.90.

[20] **Africom Malta Limited vs Elfi Limited**, per l-Onor. Imhallef Philip Sciberras.
[21] Vol XXX-1-847.
[22] **Mediterranean Offshore Bunkering Co. Limited vs Valletta Freight Services Limited**, Appell Civili [Sup.], deciz 28 ta' April 2017.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq il-kapital, l-attur fir-Rikors promotur talab illi l-imghax jibda jiddekorri mis-sena 1994, cioe` mid-data meta jirrizulta li effettivament sar it-tieni pagament lill-konvenut in linea ta' self[23]. Il-konvenut fit-tielet eccezzjoni jeccepixxi illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja li saret ghall-hlas tal-ammont misluf.

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax illi l-attur interpella lill-konvenut ghall-hlas tal-ammont mitlub permezz ta' att gudizzjarju qabel effettivament istitwixxa l-proceduri odjerni permezz tar-Rikors promotur, li gie pprezentat fit-22 ta' Awwissu 2017. L-atti juru illi l-interpellazzjonijiet precedenti ma sarux b'mod ufficjali, u billi huwa wkoll evidenti illi d-debitu mertu ta' din il-kawza m'huwiex ta' xorta kummercjali, isibu applikazzjoni d-dispozizzjonijiet tas-subinciz (2) tal-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili li jipprovdu hekk:-

*2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

Ghaldaqstant, l-imghax mitlub mill-attur ghandu jibda jghaddi biss mid-data tal-ewwel sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju li, fil-kaz odjern, saret bil-prezentata tar-Rikors promotur fit-22 ta' Awwissu 2017.

## Decide

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni u tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' limitatament it-**

[23] Is-somma ta' 6,000 Lira Sterlina thallset permezz ta' cheque datat 14 ta' Marzu 1994. Is-somma ta' 3,000 Lira Sterlina kienet diga` giet avvanzata lill-konvenut perezz ta' cheque mahrug fis-sena 1993.

**talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disat elef, tmien mija u ghaxar Ewro u disghin centemzu (€9,810.90) ekwivalenti ghas-somma lilu misluf ta' disat elef Lira Sterlina (£9,000), bl-imghax mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur ossia 22 ta' Awwissu 2017, u bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu wkoll mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Deputat Registratur**